MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 594/1989/2

**Lawrence Attard**

**Vs**

**Erling Krogh Jacobsen ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Inter Shipping Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi kien jahdem mas-socjeta' konvenuta.

Premess illi l-attur wegga waqt ix-xoghol waqt li kien qed jahdem fuq il-bastiment S.S. Railro 2 u dana fit 13 ta' April 1988;

Premess illi minhabba f'tali incident l-attur sofra danni konsiderevoli u ta' natura permanenti;

Permess illi tali incident gara tort unikament tas-socjeta' attrici minhabba f'imperizja u negligenza.

Premess illi l-konvenut interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni tad-danni baqa' ma resaqx.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident li sofra l-attur waqt ix-xoghol fit-13 ta' April 1988.

2. Tilikwida id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas is-somma likwidata ai fini ta' l-ewwel talba.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut nomine a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-esponenti nomine mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine a fol. 28 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi is-socjeta' konvenuta la kienet il-proprjetarja tal-vapur in kwistjoni, la kienet l-armatrici tal-istess –vide f'dan ir-rigward transript

tar-registru tal-port ta’ Malta hawn anness u mmarkat “RR2” izda kienet biss inkarigata tingagga in-nies ghal fuq il-vapur. Bhala tali certament ma tista qatt tkun tenuta responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-attur stante li l-incident li ta lok ghal din il-kawza ma setax gara “tort unikament tas-socjeta’ attrici minhabba imperizja u negligenza”, kif qed jallega l-attur fil-premessi tac-citazzjoni tieghu. Ghalhekk il-konvenut nomine, kif citat, mhux il-legittimu kontradittur tal-attur billi il-kawza kellha tigi istitwita kontra is-socjeta’ proprietarja tal-vapur u cioe’ STENA RO-RO LINE LIMITED ta’ 2/4 Vilhena Street, Floriana Malta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in**-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’** konvenuta a fol. 180 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur stante li fit-2 ta’ Jannar 1991, skond ma jirrizulta mill-annesa kopja fidila tad-dokument, l-attur irrilaxxja ricevuta ghas-somma ta’ Lm1,250 lilu imhallsa mis-socjeta’ konvenuta u dan il-pagament sar in pjena sodisfazzjon ta’ kwalsiasi dritt presenti jew futuri li huwa kellu u ghandu b’risultat tal-incident li huwa kellu fil-13 ta’ april 1988, u cioe’ dak mertu ta’ din il-kawza, kontra is-socjeta’ eccipjenti.

**2.** Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 16/17 li bih gie nominat Dr. G. Caruana Demajo u Profs. V. Griffiths bhala periti;

Rat ir-relazzjoni a fol. 56;

Rat in-nomina ta’ periti addizzjonali a fol. 67;

Rat ir-relazzjoni taghhom a fol. 119 et seq;

Rat id-digriet a fol. 246 li bih gie nominat l-espert mediku Mr. C. Sciberras;

Rat ir-rapport ta’ Mr. Sciberras a fol. 252;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut ipprezenta tlett eccezzjonijiet, tnejn minnhom eccezzjonijiet ulterjuri.

**Tieni Eccezzjoni**

Fit-tieni eccezzjoni l-konvenut eccepixxa illi id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati stante illi is-socjeta’ konvenuta la kienet il-proprjetarja tal-vapur in kwistjoni, la kienet l-armatrici tal-istess, izda kienet biss inkarigata tingagga in-nies ghal fuq il-vapur. Bhala tali certament ma tista’ qatt tkun tenuta responsabbli ghall-allegati danni sofferti mill-attur stante li l-incident li ta’ lok ghal din il-kawza ma setax gara “tort unikament tas-socjeta’ attrici minhabba imperizja u negligenza”, kif qed jallega l-attur. Ghalhekk il-konvenut nomine mhux il-legittimu kontradittur tal-attur billi il-kawza kellha tigi istitwita kontra is-socjeta’ proprietarja tal-vapur u cioe’ STENA RO-RO LINE LIMITED.

Dwar dina l-eccezzjoni hemm ir-rapport ta’ l-ewwel perit legali (ara fol. 56) u tal-periti addizzjonali ( ara fol. 119 et seq). Dawn ikkonkludew li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta meta gara l-incident u l-azzjoni kienet proposta sew. Il-Qorti taqbel ma dina l-konkluzzjoni u qed taghmilha taghha.

**Tielet Eccezzjoni**

Fl-eccezzjoni ulterjuri l-ohra (ara fol. 180) is-socjeta konvenuta eccepiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-attur stante li fit-2 ta’ Jannar 1991, skond ma jirrizulta mid-dokument a fol 182, l-attur

irrilaxxja ricevuta ghas-somma ta’ Lm1,250 lilu imhallsa mis-socjeta’ konvenuta u dan il-pagament sar in pjena sodisfazzjon ta’ kwalsiasi dritt presenti jew futuri li huwa kellu u ghandu b’risultat tal-incident li huwa kellu fil-13 ta’ April, 1988, u cioe’ dak mertu ta’ din il-kawza, kontra is-socjeta’ eccipjenti.

Dr. Jose’ Herrera xehed li kienu accettaw il-pagament ta' Lm1,250 billi kienu nfurmati li dan il-hlas kien ser isir biex tinghalaq il-personal *claim* li kellu l-attur mas-socjeta’ Mediterranean Survey Bureau Ltd u ma kienux infurmati li s-socjeta’ assikuratrici kienet qed thallas id-debitu dovut mis-socjeta’ konvenuta. Il-kljent tieghu kien accetta dan il-hlas dejjem bla pregudizzju ghall-prosegwiment ta' dina l-kawza. Id-*discharge note* hi ffirmata biss bil-konfront tas-socjeta’ assikuratrici u mhux ghas-socjeta’ konvenuta. Kien hemm zewg pendenzi separati, wahda kontra s-socjeta’ assikuratrici u wahda kontra l-konvenuti.

Dr. Joseph Schhembri xehed li fid-*discharge form* datata 13 ta' Settembru, 1990 (fol. 263) hemm inkluzi l-kliem *"without prejudice to my claim against my former employer*" u l-firma ta' Lawrence Attard u x-xhud mis-socjeta’ SMS bid datat 14 ta' Novembru 1990. Imbaghad hemm id-discharge form ohra (fol. 264) datata 2 ta' Jannar, 1991 li tghid li l-attur qed jircevi s-somma ta' Lm1,250 *in full and final discharge of all claims*. Din id-darba bla ebda riserva.

Dr. Herrera kien rega xehed u spjega ghalhiex kien hemm dawn iz-zewg *discharge forms*. Hu qal li l-attur kellu *house insurance* u l-assikurazzjoni kienet assiguratu li l-Lm1,250 kien minghajr pregudizzju ghal kawza li kellu. L-attur kien iffirma d-*discharge note* quddiemu u hu kien zied il-kliem *"without prejudice to my claim against my former employer*" biex ikun zgur. Imbaghad baghtu ghall-kljent tieghu minghajr ma qalulu, biex ihallsuh il-kljent tieghu. L-attur mar u iffirma ghalkemm ma jafx jaqra u jikteb u ffirma *discharge form* ohra differenti minn dik li hu kien ra.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien inghata *discharge form* bil-*letterhead* tal-Mediterranean Survey Bureau u

baqa' sejjer biha ghand l-avukat tieghu li ziedlu fuqha l-kliem "*Without prejudice to my claim against my former employer*"" fol. 263 skond id-diskors li kien mal-assikurazzjoni. Meta l-attur mar l-ufficcju tal-insurance biex jithallas il- Lm1,250, dawn kienu qalulu biex jiffirma karta, li pero' ma kienx fiha l-kliem li zied Dr. Herrera u l-attur la jaf jikteb u jaqra, ffirma dina l-karta. Dok a fol. 264 . Paul Savona, Crew Manager mas-socjeta' konvenuta, ikkonferma li huma kienu rcevew id-dok a fol. 263 bil-kliem "*Without prejudice to my claim against my former employer*" u dana jikkorrobora l-versjoni ta' l-attur.

Ghal attur il-pagament li rceva kien ghal "*in house insurance*" li kellu, u dan l-pagament sar bla pregudizzju ghall kawza li hu kellu kontra l-ex employer tieghu. Gaston Degiovanni fil-fatt xehed li l-attur thallas fuq polza ta' assikurazzjoni li hu kien hareg qabel ma kellu l-incident. Hu qal li l-ammont ta' kumpens li hallsuh taht il-polza jkun gie maqbul ferm qabel kwalunkwe incident li setgha kellu l-attur, u dak huwa ammont li jigi maqbul meta tohrog il-polza, skond x'jaghzel l-individwu li huwa jiehu bhala insurance. L-assikurat jiehu percentagg tas-somma skond id-*disability* li jsofri jekk ikorri.

Ghalhekk lanqas dina l-eccezzjoni ulterjuri ma tista' tinlaqa' billi l-pagament li sar lill attur ma kienx ikopri d-danni li l-attur sofra f'dana l-incident u li qed jitlob minghand l-ex employer tieghu f'dina l-kawza.

**L-ewwel eccezzjoni - Responsabilita ghall-incident.**

Fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socejta' konvenuta qed teccepixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante illi huma m'humiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Jigi relevat li a termini tal-Att Numru VII ta' l-1994 biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol Kap 367 - fl-artikolu 3 (2) tal-istess jinghad li:-

Art. 3 (2) “Illi huwa dmir ta’ min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema”.

Art.2 (3) “Huwa dmir ukoll ta’ min ihaddem li jizgura illi kull process ta’ xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista’ jigi evitat ghall-inkolumita’ fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta’ haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur”.

L-artikolu 9 jipprovvdi:

(1) *It shall be the duty in general of an employer to ensure that all reasonable measures and precautions have been taken -*
(a) *to render every place of work under his control, free from all dangers to health and safety, so far as reasonably practical;*
(b) *so that the work environment in work places under his control is reasonably favourable to health and free from avoidable physical or psychological stress;*
(c) *to prevent industrial accidents, injuries and disease;*
(d) *to provide facilities at the place of work for first aid in case of accident or injury; and*
(e) *inform every worker therein about the dangers to health and safety in the workplace and about the best methods of prevention.*

L-Att V11 tan 1994 permezz ta’ l-artikolu transitorju numru 19 kien salva dawk ir-regolamenti maghmulin taht il-Factories Ordinance 1986 li kienu japplikaw meta gara l-incident.

Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita’ ta’ sid ta’ intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma stabbiliti fil-gurisprudenza taghna.

Fil-kawza "Calleja vs Fino" deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1980, gie kwotat b'approvazzjoni li:

*"It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted had been in use for years without incident, is not proof that the system is safe: the accident in question justifies this*."

Fil-kawza "Borg vs Wells et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru, 1981, kompla jizdied li: *"In planning a system of work the employer must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work*."

Fil-kawza "Grech vs Ellul", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 1996, intqal: *"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work*."

Fil-kawza *"Grech vs Farrugia*" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, intqal li: *"Il-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita' u dan biex jahgmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali, propju ghaliex dik l-aljenazjoni tkun, fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita' industrijali*."

Fil-kawza "Chetcuti vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju, 2002, gie osservat li min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx stharrig.

**Tikkunsidra**

Dwar l-incident proprju l-attur xehed li kien impjegat bhala able seaman mas-socejta konvenuta. Fit-13 ta' April. 1988

kien nizel biex jaghmel "*spraying*" tal-"*lower hold*" tal-bastiment ma' Lawrence Ciantar. Billi kien ser isir xoghol ta' *welding* ic-Chief Officer qallhom biex jieqfu u jnehhu kollox biex jevitaw xi hruq. Bdew itellghu l-affarijiet mill-*lower hold* ghall *main deck* u minn hemm ghall *upper deck*. Wara li kien tellgha xi disa' tankijiet ta' zebgha, wiehed minnhom, waqt li kien qed itellghu bic-cima, tbandal, ha skoss, u t-tank habat mal-*hatch corner* tal-*lift* u telaq it-tank ghall isfel. Hu kien qed itellgha t-tank wahdu ghax tnejn f'daqqa ma jistghux jaghmlu dan ix-xoghol.

Lawrence Ciantar li kien ma' l-attur xehed li hu kien qabbad lill attur biex jitla' fuq u hu kien qghad isfel biex jorbot it-tankijiet biex itellaghhom wiehed wiehed. L-attur kellu jigbed it-tankijiet bis-sahha ta' idejh. Mal-hatch tal-lift ma hemmx *railing* jew *ledge* u ghalhekk min jerfa' jrid izomm ekwilibriju bejn il-piz tieghu stess u ta' l-oggett li jkun itella'. It-tankijiet kienu tqal hafna, tal-ghoxrin litru. Wara li l-attur kien tella xi tankijiet, sema lill attur jghajjat u tela jigri malajr hdejh. Meta wasal hdejh sab li kien telaq it-tank u kien qed izomm daharu. Ma kienux uzaw il-*lift* ghax kien bil-hsara. Hu baghat lill attur *fire watch* izda billi baqa' mugugh mar ghand it-tabib.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-attur ma kienx qed jahdem b'ambjent li jassigura s-sahha tal-haddiem u li ma jsirux incidenti lill impjegati waqt ix-xoghol taghhom. Is-socjeta' konvenuta ma haditx il-mizuri appoziti u lanqas pprovvdiet l-makkinarju necessarju biex tghin fiit-tqandil li l-attur kellu jaghmel. *The manual handling of a load may present a risk particularly of back injury if it is: too heavy or too large, unwieldy or difficult to grasp, unstable or has contents likely to shift*. Fil-fehma tal-Qorti dawn huma obbligi li kull minn jimpjega haddiema ghandu jonora taht il-ligi generali u jirriflettu b'mod specifiku l-obbligu ta' min ihaddem biex jiehu hsieb is-sahha tal-haddiema u biex jipprovvdu dawk l-ghodod necessarji sabiex jigu evitati hsara lill istess impjegati (ara PA NA Bray vs Petroni 30/11/2001).

Fil-kaz in ezami jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur u specjalment mix-xhieda ta' Lawrence Ciantar li l-attur kien

qed jtella' bis-sahha biss ta' jdejh tankijiet ta' 20 litru li kienu tqal hafna. Inoltre mal-*hatch* tal-*lift* ma kienx hemm *railing* jew *ledge* u ghalhekk l-attur kellu izomm ekwilibriju bejn il-piz tieghu stess u ta' l-oggett li jkun itella'. Jirrizulta wkoll li l-*lift* dak in-nhar ma kienx qed jiffunzjona. Lawrence Ciantar xehed ukoll li hu kien taha l-ordni lill attur biex jaghmel dana ix-xoghol u ghalkemm l-attur setgha jghid 'le' pero' meta hemm l-impieg fin nofs , mhux facili li ma tobdiex l-ordnijiet ta' minn jimpjegak.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milquha.

**DANNI**

**Damnum Emergens**

Ghalkemm l-attur xehed li hu kien ghamel xi spejjez ghall tobba, medicini u X Rays pero fil-process ma jirrizultawx ricevuti f'dan ir-rigward.

**Lucrum Cessans**

Mr. Carmel Sciberras, l-espert nominat minn dina l-Qorti, ezamina lill attur fil-2001 u ghamel rapport (ara fol. 252) fejn sab li l-attur kien a "ba*ck cripple*" mill-iskoss li ha fuq il-vapur. Dan hallieh immankat b'mod li qatt ma hadem aktar u la ma ghaddieluhux s'issa, mhux ser jghaddilu (fol 254). Hu taha lill attur dizabilita' ta' **20%**

L-attur xehed li qabel l-incident kien jaqla medja ta' Lm500 fix-xahar li jinkludi *overtime*. Mal kumpanija kien dam impjegat xahar biss b'kollox. Kellu kuntratt ghall sitt xhur li ma kompliehx. Kien baqa' tlett xhur jithallas. Hu kien ilu jahdem fuq bastimenti mill-1965 u spicca fil-1988 meta wegga'.

L-attur esebixxa l-Form 40 Dipartiment tax-Taxxi ghas-snin bazi 1985 - 1989 (Dok. LA10 sa LA 14) li minnhom jirrizulta qliegh *gross* ta'

Lm767 ghal 1985

| | |
|---|---|
| Nil | 1986 |
| Nil | 1987 |
| Lm919 ghal | 1988 |
| Nil | 1989 |

Fil-1988 irceva Lm6.70 fil-gimgha li baqa' jircevieha sa l-ahhar tal-1988 u sa April 1989. Il-bilanc hu qliegh ghax-xahar li kien hadem fuq il-bastiment, ftit inqas minn Lm500. Qed jircievi *disability pension* ta' Lm26.80 fix-xahar u Lm36.25 talli jirregistra.

L-attur twieled fil-1947 u meta gara l-incident fil-1988 kellu 41 sena.

Il-kawza ser tinqata' llum wara erbatax (14) il-sena, u jista' jkun hemm appell minnha wkoll.

Bhala paga l-attur kien qed jircievi Lm415.70 fix-xahar . Dina s-somma kienet tinkludi *overtime* u l-attur kien b'kuntratt ta' sitt xhur u kien ilu mas-socjeta' konvenut xahar biss meta gara l-incident.

In vista ta' dawn il-fatturi l-Qorti ser taghmel dawn il-kalkoli;

Paga ta' Lm450 fix-xahar ghal ghoxrin (20) sena
Dizabilit' ta' 20%
*Lump Sum payment* - l-ebda riduzzjoni - u dana billi l-*lump sum payment* qed jigi ridott bir-rata ta' 2% kull sena mid-data ta' l-incident. Dan mhux qed isir biex jigi penalizzat il-konvenut imma ghax mhux possibili li jigi degretat il-hlas tal-imghax mid-data meta giet kagunata l-hsara (ara sentenzi Caruana vs Camilleri PA JSP 5/10/93 u PA Desira vs Cassar 13/1/95).
Lm450 x 12 x 20 x 20% = Lm21,600

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall-incident li sofra l-attur waqt ix-xoghol fit-13 ta' April, 1988.

Tilikwida id-danni fl-ammont ta’ wiehed u ghoxrin elf u sitt mitt lira Maltin (LM 21,600);
Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma likwidata ai fini ta’ l-ewwel talba.
Bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-eventwali pagament.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------